

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0270/2006

12.9.2006

RAPPORT

dwar "Kooperazzjoni aktar u aħjar: il-pakkett għall-2006 dwar l-effikaċja ta' l-
għajnuna ta' l-UE"
(2006/2008(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Alain Hutchinson

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	15
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI	18
PROĊEDURA	22

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar "Kooperazzjoni aktar u aġjar: il-pakkett għall-2006 dwar l-effikaċja ta' l-ghajjnuna ta' l-UE" (2006/2008(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Għajjnuna ta' l-UE : Inwassluha aktar, b' mod aġjar u aktar malajr" (COM(2006)(0087),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament bl-isem "Tisħiħ ta' l-impatt Ewropew: qafas komuni għat-tfassil tad-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiżi u l-programmazzjoni multiannwali komuni" (COM(2006)0088),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-2 ta' Marzu bl-isem "Finanzjament għall-Iżvilupp u l-Effettività ta' l-Għajjnuna – L-isfidi biex tiġi miżjuda l-ghajjnuna ta' l-UE 2006 – 2010" (COM(2006)0085),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Li tħaffef il-progress lejn il-kisba ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp - Finanzjament għall-Iżvilupp u Effettività ta' l-Għajjnuna" (COM(2005)0133),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp - It-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millennju (COM(2005)0134),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aċċellerazzjoni tal-progressi għall-kisba ta' l-Obbjettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp - Il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, (COM(2005)0132),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Barranin ta' l-10 u l-11 ta' April 2006 dwar il-finanzjament ta' l-ghajjnuna għall-iżvilupp u l-effikaċità ta' l-ghajjnuna Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ruma dwar l-armonizzazzjoni li ġiet adottata fil-25 ta' Frar 2003, u d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-effikaċità ta' l-ghajjnuna għall-iżvilupp adottata fir-2 ta' Marzu 2005 wara l-Forum ta' livell għoli dwar l-armonizzazzjoni u l-effikaċità ta' l-ghajjnuna (minn hawn 'l hemm imsejħa, "id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi"),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2006 dwar mekkaniżmu ġdid ta' finanzjament għall-iżvilupp fil-kuntest ta' l-Obbjettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni A/RES/55/2 ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Dikjarazzjoni dwar il-Millennju,

¹ Testi adottati ta' dik id-data, P6_TA(2006)0063.

- wara li kkunsidra r-rapport tas-Sur Jeffrey Sachs, konsulent tas-Segretarju Ġenerali tan-NU bl-isem "Ninvestu fl-iżvilupp: pjan Prattiku biex jintlaħqu l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp",
- wara li kkunsidra l-kunsens ta' Monterrey dwar il-finanzjament għall-iżvilupp tat-22 ta' Marzu, 2002,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, fil-Parlament Ewropew u fil-Kummissjoni dwar il-politika għall-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea bl-isem "Il-Kunsens Ewropew"¹(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp"),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija ġdida ta' l-Unjoni Ewropea għall-Afrika (COM(2005)0489),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Novembru 2005 dwar strateġija għall-iżvilupp għall-Afrika²,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' New York dwar sorsi innovattivi għall-finanzjament ta' l-iżvilupp ta' l-14 ta' Settembru 2005, li permezz tagħha 79 Stat diġà wrew l-appoġġ tagħhom għat-tnedija ta' l-ewwel mekkaniżmu pilota f'għamla ta' kontribuzzjoni għas-solidarjetà fuq il-biljetti ta' l-ajru,
- wara li kkunsidra r-rapport Landau dwar is-sorsi innovattivi għall-finanzjament ta' l-iżvilupp, kummissjonat mill-Grupp ta' Erbġħa u ppublikat fl-2004, u r-rapport Atkinson bl-isem "New Sources of Development Finance: Funding the Millennium Development Goals, publikat fl-2004 min-NU,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u tal-koperazzjoni ekonomika³,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2006 dwar l-effikaċità ta' l-għajnuna u l-korruzzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2005 dwar l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fit-tweqqif ta' l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 2006 dwar ir-reviżjoni strateġika tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF)⁶,

¹ ĠU C 46, 25.5.1994, p. 1.

² Testi adottati ta' dik id-data, P6_TA(2005)0445.

³ Testi adottati ta' dik id-data, P6_TA(2006)0217.

⁴ Testi adottati ta' dik id-data, P6_TA(2006)0141.

⁵ ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 311.

⁶ Testi adottati ta' dik id-data, P6_TA(2006)0076.

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tas-7 ta' Ġunju 2006 mressqa mill-Grupp Afrikan fi ħdan il-Kumitat għall-Agrikultura tad-WTO, dwar il-modalitajiet għan-negozjati dwar il-beni agrikoli (06-0000) (TN/AG/GEN/18),
 - wara li kkunsidra r-rapport ta' Marzu 2006, bl-isem "Evalwazzjoni ta' l-Appoġġ tal-Bank Dinji għall-Kummerċ, 1987-2004", publikat mill-Grupp Indipendenti ta' Evalwazzjoni (IEG) tal-Bank Dinji,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A-0270/2006),
- A. billi l-Unjoni Ewropea tipprovdi aktar minn nofs l-għajnuna pubblika fid-dinja u għalhekk hija l-akbar kontributor ta' għajnuna fid-dinja, imma madankollu din il-pożizzjoni ma tirriżultax f'leadership effettiv li kapaċi jagħmel id-differenza fix-xena internazzjonali,
 - B. billi l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp iqiegħed il-pedament għal viżjoni komuni dwar il-politika għall-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' valuri, prinċipji, objettivi u strumenti komuni għall-Istati Membri, għall-Kunsill, għall-Parlament u għall-Kummissjoni,
 - C. billi l-għan fundamentali ta' din il-politika hu il-qerda tal-faqar fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli, u kif ukoll it-twettiq ta' l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs),
 - D. billi għall-ewwel darba wara l-adozzjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, il-Kummissjoni trid pjanifikazzjoni strateġika, mhux biss fl-għajnuna li tagħti jew timmanniġġja, imma wkoll fl-għajnuna bilaterali ma' l-Istati Membri, meta jkun qed jitwettqu l-impenji li ttieħdu fid-dikjarazzjoni ta' Pariġi (approprijazzjonijiet, allinjament, armonizzazzjoni u mmaniġġjar ffokat fuq ir-riżultati u r-responsabilità reċiproka),
 - E. billi n-nuqqas ta' koerenza bejn il-politiki differenti ta' l-Unjoni tikkostitwixxi ostaklu għall-effikaċità ta' l-għajnuna u barra minn hekk tmur kontra l-Artikolu 178 tat-Trattat,
 - F. billi għadd ta' studji wrew li n-nuqqas ta' rbit ma' l-għajnuna jibqa' essenzjali biex titjeb l-effikaċità tagħha, speċjalment meta għandu x'jaqsam ma' għajnuna alimentari,
 - G. billi l-approprijazzjonijiet mill-pajjiżi msieħba fl-istrateġiji u fil-programmi ta' żvilupp huma wieħed mill-prinċipji essenzjali li hemm fil-Kunsens Ewropew għall-iżvilupp u fid-dikjarazzjoni ta' Pariġi,
 - H. billi, skond ir-rapport imsemmi qabel, li tfassal minn Jeffrey Sachs għan-Nazzjonijiet Uniti, se jkun hemm bżonn mill-inqas USD 50 biljun supplimentari biex l-MDGs jintlaħqu fl-2015,
 - I. billi l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha li talloka EUR 2 biljuni fis-sena - biljun mill-Istati

Membri u biljun mill-Kummissjoni - għall-appoġġ tall-kapaċitajiet kummerċjali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

- J. billi l-Unjoni Ewropea kkonfermat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' l-10 u l-11 ta' April 2006 l-impenji li ttieħdu fl-24 ta' Mejju 2005 dwar iż-żieda tal-volum ta' għajjnuna, hekk li kollettivament se talloka talanqas 50% taż-żieda tal-fondi għall-għajjnuna pubblika għall-iżvilupp fl-Afrika u se tibqa' l-uniku grupp ta' kontributori li hađu impenji sostanzjali li wieħed jista' jkejjilhom u li huma ppjanati minn qabel biex iżidu l-għajjnuna sabiex jintlaħaq l-ammont ta' aktar minn EUR 84 biljun sa l-2015,
- K. billi, jekk wieħed iqis ir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-prospettivi finanzjarji tal-baġit Ewropew għall-2007-2013 (konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15-16 ta' Diċembru 2005), il-parti l-kbira ta' l-isforz għaż-żieda ta' l-għajjnuna (bejn 80% u 90%) trid tiġi mill-Istati Membri,
- L. billi għalkemm skond iċ-ċifri ppubblikati mill-Organizzazzjoni ta' Koperazzjoni u ta' Żvilupp Ekonomiċi (OECD) għall-2005, l-Unjoni Ewropea tidher li tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq l-oġettivi ffissati għall-2006, għad baqa' erba' Stati Membri li l-livell ta' l-għajjnuna tagħhom jibqa' anqas mill-minimu ta' 0.33% tal-Prodott Gross Nazzjonali kif iffissat mill-kompromess ta' Barċellona,
- M. billi, skond l-aħħar ċifri tal-Kumitat għall-Għajjnuna u l-Iżvilupp (DAC) ta' l-OECD, l-Unjoni Ewropea kkalolat it-tnaqqis ta' dejn (partikolarment għall-Iraq u n-Niġerja), li jirrapreżenta EUR 9 biljuni, bħala għajjnuna għall-iżvilupp fl-2005, filwaqt li l-kunsens ta' Monterrey speċifikament jistabbilixxi li l-finanzjamenti mogħtija bħala tnaqqis ta' dejn ma għandhomx jiġu minn fondi ta' għajjnuna għall-iżvilupp li normalment ikun pjanat li jingħataw direttament lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw,
- N. billi, lil hinn mill-fenomeni ta' nfih artifiċjali ta' l-ammonti ta' għajjnuna pubblika għall-iżvilupp u minħabba l-inefficijenza fl-immaniġġjar, parti kbira ta' l-għajjnuna ddedikata kollettivament mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tibqa' ma tasalx direttament għand il-popolazzjonijiet tal-pajjiżi tan-Nofsinar li għalihom tkun destinata,
- O. billi l-implimentazzjoni ta' l-impenji li ttieħdu mill-G8 fi Gleneagles (iż-żieda ta' l-għajjnuna għall-iżvilupp għall-USD 50 biljun kull sena sa l-2010) għadha ħafna inqas minn dak li twieġhed, ladarba f'din l-aħħar sena l-għajjnuna effettiva (qabel ma jitqiesu l-effetti tal-maħfra tad-dejn ta' l-iżjed pajjiżi foqra) zdieget biss b'USD 5 biljuni,
- P. billi, sabiex tilħaq l-impenji tagħha, il-komunità internazzjonali diġà ltaqgħet darbtejn minn Settembru 2005 biex jitkomplew id-diskussjonijiet dwar is-sorsi innovattivi ta' finanzjament ta' l-iżvilupp,
- Q. billi l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament se tippermetti li mhux biss jinstabu riżorsi ġodda imma anke li tittejjeb il-kwalità tal-flussi ta' finanzjament għall-iżvilupp b'mod partikulari għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-istabilità u l-previdibilità tar-riżorsi, li huma essenzjali għall-appoġġ ta' strateġiji nazzjonali fit-tul,
- R. billi t-titjib ta' l-effikaċità tal-politika Ewropea ta' koperazzjoni għall-iżvilupp tassumi li

jigü stabbiliti objettivi preċiżi x'jintlaħqu u indikaturi li jippermettu li jitkejjel il-progress miksub,

- S. billi fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, il-finanzjaturi impenjaw ruħhom biex jiddefinixxu objettivi lejn xiex jimmiraw għall-2010 b'rapport mat-12-il indikatur stabbiliti fiha u biex jimplementaw sistema effikaċi ta' kontroll għal kull wieħed mill-firmatarji,
 - T. billi hemm bżonn urġenti li tiġi ffaċjata b'mod sostenibbli l-problema tad-dejn li hija xkiel ewlieni biex jintlaħqu l-MDGs,
 - U. billi hemm kunsens internazzjonali biex ikun hemm ċaqliq minn approċċ ibbażat fuq it-tnaqqis għal approċċ ibbażat fuq il-maħfra tad-dejn tal-pajjiżi foqra kif tixhed id-Dikjarazzjoni tal-Millennju u d-deċiżjoni li jinħafu d-djun li ttieħdet mill-G8 fl-2005,
1. Jenfasizza l-progress reali fejn għandha x'taqsam l-effikaċità li ġabu l-aħħar proposti tal-Kummissjoni li jinsabu fl-aħħar tliet komunikazzjonijiet tagħha u jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' April 2005 li jtenu sa ċertu punt il-proposti inklużi f'dawn it-tliet komunikazzjonijiet;
 2. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jisfuzaw ruħhom biex jilħqu l-effikaċità fil-qasam ta' l-għajjnuna fil-kontest usa' tal-valuri mħaddna fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-konvenzjonijiet tan-NU, bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;
 3. Iqis li l-għażla ta' "donaturi prinċipali" f'oqsma settorjali speċifiċi fil-livell tal-pajjiż hija avvanz interessanti;
 4. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea sabiex flimkien jagħmlu l-isforzi kollha tagħhom biex l-Unjoni Ewropea titkellem b'vuċi waħda, bl-iskop li tinstalla u tipperpetwa leadership li ma jkunx ibbażat biss fuq kemm huma kbar l-ammonti allokati għall-koperazzjoni u l-iżvilupp, imma wkoll fuq effikaċità msaħħa;
 5. Iqis li biex wieħed jiġġieled effettivament kontra l-faqar jeħtieġ li parti ferm akbar ta' l-għajjnuna pubblika għall-iżvilupp (APD) li tingħata minn min jamministra l-fondi internazzjonali, tiġi indirizzata lejn l-aktar pajjiżi u popolazzjonijiet fqar u jiddispjaċih jara n-nuqqas ta' objettivi preċiżi lejn xiex għandha timmira l-Unjoni biex tagħmel dan;
 6. Iqis li l-ftehimiet dwar is-sajd konklużi mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom ikunu mmirati biex tittejjeb il-kapaċità ta' dawn il-pajjiżi biex jimmaniġġjaw sew l-inħawi għas-sajd li jinsabu fl-ilmijiet territorjali tagħhom, b'mod speċjali biex jigü kontrollati u sorvelljati l-attivitajiet ta' sajd u biex titwettag rċerka xjentifika, u mhux biss biex sempliċiment jittieħed ħlas biex jinqabdu l-ħut;
 7. Iqis li, biex l-għajjnuna ta' l-Unjoni Ewropea tkun effettiva, hemm bżonn li jkun garantit biżżejjed spazju politiku għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li din l-effikaċità tiġi evalwata f'termini ta' progress konkret fit-triq biex jintlaħqu l-MDGs;

8. Jitlob lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Istati Membri kollettivament, biex jirrispettaw skruplożament l-oġġettivi u l-prinċipji li ġew stabbiliti fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp u b'mod partikolari l-oġġettiv essenzjali tal-għlieda kontra l-faqar;
9. Jitlob lill-Unjoni Ewropea biex tiddefendi u tippromwovi din il-politika li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt ta' l-Istati benefiċjarji biex jiddefinixxu l-politiki tagħhom infushom fi ħdan kull qbil multilaterali fejn hija rrapreżentata, bħal fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali tagħha;
10. Jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tinkorpora fil-politika ta' żvilupp tagħha r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tan-NU dwar l-Evalwazzjoni ta' Ekosistemi tal-Millenju li jiddikjara li l-qerda ta' l-ekosistemi tad-dinja se jkun ta' xkiel biex jinkisbu l-MDGs u biex tiegħu miżuri biex titrangà din id-degradazzjoni ġeneralizzata;
11. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jagħmlu kull sforz possibbli, flimkien u mad-donaturi tad-DAC l-oħra, sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-effikaċità ta' l-għajnuna;
12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jimplementaw bla dewmien ir-rakkomandazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni u li issa qegħdin f'idejn il-Kunsill, u dan se jinvolvi sforz importanti biex jiġu modifikati, jekk hemm bżonn b'mod radikali, is-sistema tagħhom ta' għajnuna u/jew il-proċeduri tagħhom ta' implimentazzjoni ta' din l-għajnuna bl-għan li tittejjeb b'mod sinifikanti l-effikaċità tagħhom permezz ta' koordinazzjoni aħjar tal-programmi, tal-kumplimentarjetà ta' l-azzjonijiet u tal-koerenza tal-politiki;
13. Jenfasizza li l-effikaċità ta' l-għajnuna tgħaddi minn approċċ doppju: l-attenzjoni m'għandhiex tkun ikkonċentrata biss fuq il-kwistjonijiet ta' proċedura bħall-koordinazzjoni, il-kumplimentarjetà, l-armonizzazzjoni u l-konformità imma anke fuq il-kontenut u s-sustanza; jenfasizza li l-għlieda kontra l-korruzzjoni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet assoċjati ma' sforzi serji biex jitwaqqfu t-tluq ta' l-aħjar imħuħ u t-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri huma essenzjali f'dan il-kontest;
14. Jenfasizza li koordinazzjoni aktar effikaċja għandha tiġi akkumpanjata minn kumplimentarjetà ta' azzjonijiet, fis-sens li jkun hemm tqassim aħjar tax-xogħol bejn l-Istati Membri nfushom, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bil-livell nazzjonali bħala punt ċentrali u l-pajjiżi msieħba bħala leaders, hekk li tiġi ffaċċjata l-problema ta' pajjiżi u setturi "iltiema" u f'dan ir-rigward jenfasizza r-relevanza ta' Atlas tad-donaturi;
15. Jenfasizza li l-koordinazzjoni tad-donaturi u t-tqassim tax-xogħol għandhom jitpoġġew taħt il-patroċinju tal-pajjiż imsieħeb, billi l-oġġettiv hu li jkun hemm allinjament mal-prijoritajiet u l-proċeduri tal-pajjiż imsieħeb;
16. Jirrikonoxxi li l-koordinazzjoni u t-tqassim tax-xogħol ma jistgħux isiru b'mod iżolat; l-Unjoni Ewropea għalhekk m'għandhiex tiffoka esklussivament fuq it-tqassim intern tax-xogħol imma għandha dejjem tpoġġi lilha nnifsiha f'perspettiva li tinkludi d-donaturi kollha;

17. Jitlob lill-Istati Membri kkonċernati biex ma jdewmux iż-żieda fil-baġit meħtieġa għal-impenji ripetuti li huma ħadu bl-iskop li jintlaħaq mingħajr kontabilità qarrieqa l-ammont minimu ta' PDA ta' 0.56% tal-GNP għall-2010 u 0.7% tal-GNP għall-2015 bil-għan tassew konkret li jinkisbu fondi supplimentari għal għajjnuna għall-iżvilupp effettiva u msaħħa u jinsisti magħhom dwar l-irwol essenzjali li huma għandhom f'din il-kwistjoni;
18. Jitlob lill-Unjoni Ewropea biex tikkunsidra l-fatt li ż-żieda fl-ammonti tal-PDA ma tagħmilx sens sakemm ma tkunx akkumpanjata minn żieda sinifikanti, kemm fl-effikaċità tagħha kif ukoll fil-kwalità, hekk li dan it-titjib isir prijorità assoluta tal-politika għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' kull Stat Membru, kif ukoll ta' l-istituzzjonijiet Ewropej kkonċernati;
19. Jitlob lil kull Stat Membru biex kull sena, bl-użu ta' dokument bażiku ta' riferenza ppreparat mill-Kummissjoni, ifassal bl-akbar trasparenza lista preċiża li tiddistingwi b'mod ċar l-ammonti dedikati direttament għall-għajjnuna għall-iżvilupp minn dawk għal inizjattivi oħrajn u li m'għandhomx x'jaqsmu direttament magħhom, bħat-tnaqis tad-dejn; jinsisti fuq il-fatt li dawn l-ammonti għandhom ikunu espliċitament esklużi mill-kalkolu ta' l-ispejjeż totali ta' l-għajjnuna għall-iżvilupp;
20. Jinnota l-fatt li d-dibattiti dwar inizjattivi li jistgħu jiġu kkunsidrati jew le bħala rilevanti għall-għajjnuna għall-iżvilupp se jkomplu fl-2007 fi ħdan id-DAC ta' l-OECD biex jiġu magħluqa waqt is-Summit ta' livell għoli li se jittella' fil-Gana fil-bidu ta' l-2008 u jenfasizza d-determinazzjoni kollha tiegħu li jipparteċipa attivament f'dawn id-dibattiti;
21. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinfirmah bid-dettalji dwar l-attribuzzjoni tal-mandat li hija teżerċita fi ħdan id-DAC ta' l-OECD, dwar definizzjoni tal-pożizzjoni li hija tiddefendi hemmhekk, kif ukoll dwar ir-regoli ta' l-organizzazzjoni u ta' kif jaħdem dan il-Kumitat;
22. Jinsisti mal-membri tad-DAC ta' l-OECD sabiex jiddefinixxu l-objettivi lejn xiex jimmiraw għall-2010 b'rapport mat-12-il indikatur stabbiliti f'Pariġi - speċifikament għall-objettivi ta' kundizzjonalità, ta' responsabilità reċiproka u ta' prevedibilità - u biex idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmu effikaċi ta' sorveljenza;
23. Jappoġġa l-inizjattiva ta' programmazzjoni komuni, li pproponiet il-Kummissjoni u li issa qiegħda f'idejn il-Kunsill, li se titmexxa għal grupp inizjali ta' ħdax-il pajjiż ta' l-ACP, kif ukoll għall-Vjetnam u n-Nikaragwa u jqis li l-programmazzjoni li qed tiġi ppreparata issa għall-pajjiżi ta' l-ACP tista' sservi bħala punt ta' tluq tajjeb; jenfasizza madankollu l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-inizjattivi-pilota m'humieq inkompatibbli ma' l-azzjonijiet konġunti fis-seħħ fil-pajjiżi msieħba (bħall-istrateġija ta' għajjnuna komuni) imma li pjuttost isaħħu l-proċessi eżistenti;
24. Jinnota u japprezza l-ħidma li wettqet il-Kummissjoni f'termini ta' l-iżvilupp ta' indikaturi tar-riżultati ta' l-attivitatijiet tagħha, imma jinnota wkoll li l-biċċa l-kbira ta' l-indikaturi huma marbuta ma' evalwazzjonijiet interni, li l-appoġġ baġitarji u l-programmi settorjali m'humieq evalwati minn dawn l-indikaturi u li għad m'hemmx indikaturi ta' impatt u ta' sostenibilità li jistgħu jevalwaw il-proġetti ladarba jitlestew;

25. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jidentifikaw flimkien l-indikaturi ta'riżultati adatti għall-indikaturi ta' l-MDGs, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-għajnuna baġitarja, sabiex il-parlamenti nazzjonali u s-soċjetajiet ċivili lokali, u kif ukoll il-Parlament Ewropew, jkunu jistgħu jitraċċaw ir-riżultati tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea;
26. Jenfasizza li l-programmazzjoni komuni trid tippromwovi sħubija bbażata fuq l-approprijazzjoni nazzjonali u r-responsabilità reċiproka;
27. Jenfasizza li kemm l-azzjonijiet ta' għajnuna u kemm l-azzjonijiet kummerċjali jistgħu u għandhom jilagħbu rwol notevoli fit-tweqqif ta' l-MDGs;
28. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistudja kif il-kummerċ għaliq jista' jinbidel f'mudell ta' politika kummerċjali sostenibbli li jkun kapaċi jippromwovi kummerċ ekwibrat bejn it-tramuntana u n-nofsinar u jidentifika liem'huma x-xkiel għall-kummerċ li l-iktar li jirriflettu gravement fuq l-ifqar popolazzjonijiet;
29. Jirrikonoxxi l-importanza ta' l-istabilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-materja prima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jistieden lill-Kummissjoni biex tissuġġerixxi miżuri f'dan ir-rigward;
30. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara f'liema miżura l-pajjiżi benefiċjarji u s-soċjetà ċivili se jkollhom kontroll sħiħ tal-politika tagħhom għall-iżvilupp u se jkollhom l-ispazju politiku meħtieġ biex iħejju l-analiżi, id-dijanostika u l-politika strateġika komuni sabiex jitravwem ir-rispons tal-pajjiżi benefiċjarji;
31. Iqis li l-politiki ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali għandhom jiġu adottati demokratikament mill-pajjiżi benefiċjarji nfushom u li l-parlamenti demokratikament eletti għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-programm b'aktar attenzjoni;
32. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza u tal-għieda kontra l-korruzzjoni mill-perspettiva ta' l-effikaċità ta' l-għajnuna; f'dan ir-rigward ifakkar ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2006 dwar l-effikaċità ta' l-għajnuna u l-korruzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw¹ u jtenni l-appoġġ tiegħu għall-kampanja "Ippublika dak li tħallas", li tirrikjedi li l-kumpaniji multinazzjonali jiżvelaw l-informazzjoni dwar il-ħlasijiet li saru lill-gvernijiet;
33. Itenni r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar l-effikaċità ta' l-għajnuna u dwar il-korruzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jirriżervaw perċentwali xierqa mill-għajnuna baġitarja għall-"klieb ta' l-għassa" tas-soċjetà ċivili, biex jimplementaw sistema internazzjonali ta' 'blacklisting' biex jiġi evitat li l-banek isellfu l-flus lil reġimi korrotti, biex jipprojbixxu l-għoti ta' kuntratti ta' akkwist lil kumpaniji li ġew implikati f'atti korrotti f'pajjiż li qed jiżviluppa u biex iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni ta' l-2003;

¹ Testi adottati ta' dik id-data, P6_TA(2006)0141.

34. Bl-istess mod, ifakkar l-importanza ta' gvernar tajjeb u ta' l-eżistenza ta' stat ta' dritt stabbli u kif ukoll ta' strutturi regolamentari, ġuridiċi u istituzzjonali trasparenti u prevedibbli peress li huma kundizzjonijiet meħtieġa biex tinholq klima favorevoli għall-iżvilupp ekonomiku;
35. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-koperazzjoni deċentralizzata mmexxija direttament ma' l-entitajiet lokali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
36. Iqis li l-kofinanzjament jista' jkollu l-irwol ta' katalist għall-fondi Ewropej u jikkontribwixxi wkoll biex jgħin biex toħroġ politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ġenwinament Ewropea;
37. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' strument flessibbli u sostenibbli biex jintlaħqu l-MDGs u jitlob iktar dettalji dwar it-tħaddim u l-modijiet ta' mmaniġġjar ta' strument ta' dan it-tip;
38. Bil-kontra tal-Kummissjoni, jiddispaċiħ li l-progress ta' ċertu Stati Membri fit-twettiq ta' l-impenji tagħhom biex progressivament *iħollu l-irbit*¹ ta' l-għajjnuna għall-iżvilupp ma hux sodisfaċenti, minkejja li dan l-istrument hu ferm mistenni mill-produtturi lokali u l-popolazzjonijiet tan-Nofsinhar li jkunu jistgħu utilment jibbenefikaw ħafna minnu, u jitlob lill-Istati Membri biex jibdew japplikaw minn issa stess dan il-hall ta' rbit għall-għajjnuna alimentari u biex dan jiġi indirizzat ukoll lejn il-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif tirrakkomanda l-OECD;
39. Jinsab imħasseb mill-fatt li l-politika ta' għajjnuna baġitarja ta' l-Unjoni Ewropea favur il-pajjiżi li qed jiżviluppaw hija dejjem iktar suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, li tobligja lil dawn il-pajjiżi biex jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) biex jieħdu l-għajjnuna għall-iżvilupp ta' l-Unjoni; iqis li din il-kundizzjonalità ċentralizzata hija kontradittorja mal-politika tal-pajjiżi benefiċjarji f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-appropriazzjoni;
40. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw ruħhom li l-partijiet interessati fil-pajjiżi benefiċjarji, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ikunu informati biżżejjed biex jiġi faċilitat l-aċċess tagħhom għall-programmi disponibbli;
41. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iħeġġu l-inizjattivi ta' ko-żvilupp, terminu li hu meqjus li jfisser il-valurizzazzjoni tal-potenzjal rappreżentat mill-komunitajiet ta' migranti stabbiliti fil-pajjiżi żviluppati biex iservu l-iżvilupp tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom;
42. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvolvu fil-programmi ta' żvilupp lill-persuni kompetenti li ħarġu mid-dijaspora u li jixtiequ jagħtu għajjnuna konkreta u jaħdmu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom biex ipoġġu l-abilitajiet tagħhom għas-servizz ta' l-iżvilupp;

¹ Jew aħjar, biex ma jiġux imposti kundizzjonijiet dwar l-oriġini jew il-metodi ta' trasport ta' din l-għajjnuna

43. Jenfasizza li biex tittejjeb l-għajnuna effettiva li hi riflessa minn progress konkret tas-sitwazzjoni reali, huwa assolutament indispensabbli li jkun hemm strumenti finanzjarji innovattivi u riżorsi supplimentari, u li ma tistax tissostitwixxi l-impenji li diġa ttieħdu f'termini ta' l-ODA;
44. Jilqa' bi pjaċir ir-rieda soda ta' l-Unjoni Ewropea biex iddaħħal fis-seħħ mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament għall-iżvilupp intenzjonati li jiggarantixxu għajnuna stabbli, effikaċi u prevedibbli;
45. Jenfasizza li l-Kummissjoni m'għandhiex titqies bħala s-sitta u għoxrin donatur ta' l-Unjoni Ewropea imma minflok għandu jkun definit il-vantaġġ komparattiv ta' l-għajnuna Komunitarja; ifakkar l-importanza tas-setturi definiti fil-kunsens Ewropew għall-iżvilupp, bħall-preżenza globali ta' l-Unjoni, il-volum tal-baġit ta' koperazzjoni għall-iżvilupp tagħha, it-tisħiħ tal-koeżjoni politika, il-promozzjoni ta' prassi tajba fil-qasam ta' l-iżvilupp, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni u l-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, eċċ.; jitlob lill-Unjoni Ewropea biex tistqarr b'mod ċar il-pożizzjoni tagħha dwar din il-kwistjoni;
46. Jitlob lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri biex jeżerċitaw kontroll akbar tal-fondi akkumulati u ta' l-implimentazzjoni tal-programmi ta' koperazzjoni bilaterali;
47. Jiddeplora l-fatt li l-inizjattiva HIPC (Pajjiżi Foqra Midjunin Ħafna) ma wasslitx għal soluzzjoni dewwiema għall-problema tad-dejn u li l-biċċa kbira tal-pajjiżi kkonċernati ma' rawx titjib fis-sitwazzjoni ta' dejn tagħhom, kif xehed ir-rapport tal-Grupp Indipendenti ta' Evalwazzjoni tal-Bank Dinji ta' Marzu 2006;
48. Jifraħ bl-inizjattiva li ħadet in-Norveġja li tikkummissjona studju fil-livell tal-Bank Dinji u tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kwistjoni ċentrali ta' l-illegittimità tad-dejn u jhegġegħ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jipromwovu din l-inizjattiva fil-fora internazzjonali bil-għan li din il-kwistjoni tiġi rikonoxxuta internazzjonalment u li jitwettqu verifiki dwar in-natura ta' "dejn odjuż" ta' ċerti djun bilaterali ta' l-Istati Membri bil-għan li jinħafnu;
49. Jiddispaċih li l-Kunsill mhux dispot li jipprovdi riżorsi ġodda għall-azzjonijiet ta' għajnuna u l-azzjonijiet kummerċjali fil-pakkett finanzjarju għall-2007-2013; iqis li l-finanzjament tal-miżuri m'għandux isir b'detriment ta' attivitajiet oħra intenzjonati biex jintlaħqu l-MDGs; iqis li dan ikun inkoeerenti u inaċċettabbli ladarba strumenti finanzjarji ġodda u riżorsi supplimentari huma indispensabbli;
50. Jenfasizza l-importanza ta' l-inizjattiva "Għajnuna għall-Kummerċ" li tippermetti li pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu mgħejjuna biex isaħħu l-kapaċitajiet kummerċjali tagħhom u biex jimplementaw il-ftehimiet li kkonkludew fi ħdan id-WTO sabiex jiġbru qliegħ minnhom u jagħtu spinta lill-kummerċ tagħhom billi jiġi ffaċilitat id-dħul tagħhom fil-kummerċ internazzjonali; f'dak ir-rigward, itenni l-appoġġ tiegħu għal linja baġitarja ġdida "Aid for Trade", li ttejjeb kemm it-trasparenza u kemm il-kontroll demokratiku;
51. B'ferħ jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tissaħħa il-koordinazzjoni fil-qasam tal-

koperazzjoni għall-iżvilupp dwar il-kummerċ; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa għal miżuri ta' koordinazzjoni mtejba min-naħa tad-donaturi u fuq kolloxx fuq il-post innifsu; jensizza l-bżonn għall-Unjoni Ewropea li tgħaqqad l-isforzi tagħha fil-qasam ta' l-għajjnuna għall-iżvilupp ma' dawk ta' donaturi internazzjonali oħra;

52. Iqis li hemm bżonn li l-Unjoni Ewropea tappoġġa l-pajjiżi ACP fil-kuntest tar-reġim ta' għajjnuna għaz-zokkor sabiex dawn ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għal-limitazzjonijiet ġodda tar-riforma tar-reġim taz-zokkor Ewropew; min-naħa l-oħra, iqis li l-baġit allokati fil-kuntest ta' l-għajjnuna għar-ristrutturazzjoni m'għandux ikun ta' detriment għall-azzjonijiet oħra mwettqa bħala parti mill-politika ta' żvilupp ta' l-Unjoni u b'mod partikulari għall-ispejjeż relatati ma' l-MDGs;
53. Ifakkar lill-Kummissjoni bl-impenn li ħadet rigward "Round for Free" għal pajjiżi li qed jiżviluppaw fi ħdan id-WTO; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu l-almu tagħhom biex jiġi evitat li l-pajjiżi l-inqas żviluppatti jiġu sagrifikati fl-interess tal-gruppi kummerċjali l-iktar b'saħħithom;
54. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni u l-pajjiżi ACP jixtiequ jtejbu l-effikaċità billi jsaħħu l-koperazzjoni reġjonali permezz ta' ftehimiet ta' sħubija ekonomika; f'dan il-kuntest, jitlob il-garanziji meħtieġa u kalendarju realistiku għal ftuħ progressiv u asimmetriku tal-kummerċ, sabiex ikun żgurat li l-ftehimiet ta' sħubija ekonomika jstimulaw b'mod effikaċi t-tkabbir ekonomiku fil-pajjiżi ACP;
55. Jitlob lill-pajjiżi żviluppatti kollha u lill-pajjiżi kolha li qiegħdin f'fażi avvanzata ta' żvilupp biex isegwu l-mudell ta' l-inizjattiva "Kolloxx apparti l-Armi" ta' l-Unjoni Ewropea billi jiggarrantixxu aċċess għas-suq kompletament bla taxxi u bla kwoti għall-pajjiżi l-inqas avvanzati;
56. Ifakkar fir-rapport tal-Kummissjoni li minnu joħroġ li l-pajjiżi l-inqas żviluppatti huma dawk li l-inqas igawdu mir-reġim preferenzjali ta' l-Unjoni Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni biex tiegħu miżuri ġodda biex l-iktar pajjiżi foqra jitħallew igawdu mill-iktar benefiċċji possibbli mill-preferenzi ta' l-Unjoni;
57. Iqis li anke jekk l-ammont ta' l-għajjnuna finanzjarja allokata mill-Unjoni Ewropea huwa importanti, huwa importanti wkoll li jitniedu riformi sustanzjali ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u kummerċjali globali biex jiġi inkorporat approċċ multidimensjonali bbażat fuq id-drittijiet;
58. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu li ga ssemmiet dwar ir-reviżjoni strateġika tal-Fond Monetarju Internazzjonali, li fiha stieden lill-Istati Membri biex jisfuzzaw ruħhom biex jgħaqqdu grupp ta' pajjiżi ("constituency") uniku - li għandu jibda minn grupp ta' pajjiżi fiż-żona euro, bl-intenzjoni li tkun garantita, fuq perjodu itwal ta' żmien, rappreżentanza Ewropea koerenti li magħha jkunu assoċjati l-Presidenza tal-Kunsill Ecofin u l-Kummissjoni, suġġett għall-kontroll tal-Parlament Ewropew;
59. Jitlob reviżjoni ta' l-operat ta' l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI), bl-ewwel pass ikun l-adattament tas-sistema għal votazzjoni għar-realtà attwali, billi jingħata aktar piż lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u billi tiġi riveduta l-kompożizzjoni - li bħalissa qiegħda

żbilanċjata - tal-gruppi tal-pajjiżi;

60. Wara li qies diversi rapporti, inkluż ir-rapport Sachs li ġa ssemma, jitlob lill-IFIs biex in-natura sostenibbli tad-djun tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw titqies bħala l-livell ta' dejn li jippermetti pajjiż biex jilħaq l-MDGs mingħajr ma jżid r-rata ta' dejn tiegħu u jitlob lir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fl-IFIs biex jitolbu ridefinizzjoni ta' dan it-tip;
61. Ifakkar is-suġġeriment, li jinsab fir-risoluzzjoni tiegħu li ġa ssemmiet dwar ir-reviżjoni strateġika ta' l-IMF, biex il-kundizzjonalità assoċjata ma' l-għajnuna u mas-self ta' l-IFIs tiġi definita fil-kuntest ta' kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-istituzzjonijiet tan-NU, u jirrikonoxxi li din il-kundizzjonalità, f'ħafna każi, kellha impatt negattiv fuq l-indikaturi soċjo-ekonomiċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
62. Jipproponi l-ħolqien ta' grupp ta' ħidma għall-effikaċità ta' l-għajnuna Ewropea u għas-sorveljanza tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, li jikkonsisti mill-membri tal-Kumitat għall-Iżvilupp, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri, lill-NGOs għall-iżvilupp, lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u lit-trade unions biex jipparteċipaw fih u jissuġerixxi għalhekk biex jintgħażel numru ta' pajjiżi bħala "studji ta' każ" sabiex tingħata xbieha aħjar lill-Parlament u lill-Kumitat għall-Iżvilupp tiegħu ta' l-isforzi u r-risultati fl-livell nazzjonali;
63. Jenfasizza li hemm bżonn assolut li l-Unjoni twettaq b'mod aktar sistematiku politiki li jippreżentaw koerenza globali u jifraħ bil-fatt li din il-kwistjoni ta' koerenza bejn il-politiki differenti ta' l-Unjoni Ewropea ddaħħlet fl-aġenda tal-Presidenza Finlandiża, presidenza li hemm ħafna mistenni minnha;
64. Jenfasizza l-importanza tal-koerenza bejn is-setturi ta' azzjoni differenti ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koordinazzjoni meħtieġa u l-kumplimentarjetà ta' azzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa ta' l-effikaċità ta' l-għajnuna b'mod partikulari fil-livell lokali; hu ta' l-opinjoni li n-nuqqas ta' koerenza jmur kontra l-Artikolu 178 tat-Trattat KE;
65. Iqis li l-politika ta' effikaċità ta' l-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea għandha tassigura koeżjoni bejn l-iskambji kummerċjali, il-koperazzjoni għall-iżvilupp u l-politiki komuni għall-agrikoltura u s-sajd biex jiġu evitati effetti negattivi, diretti jew indiretti, fuq l-ekonomiji tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
66. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi r-risoluzzjoni preżenti lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Ftit inqas minn minuta ilu għadhom kemm mietu ħdax-il tifel minħabba l-ġuħ u l-faqar. Sa għada filgħodu jkunu 16,000 li jkunu ħallewna. Merħba fid-dinja ta' veru... Huwa meta faċċjat minn dan il-fatt u fl-okkażjoni ta' l-akbar laqgħa ta' kapijiet ta' Stat u ta' Gvernijiet li d-dinja qatt rat, li l-21 seklu beda b'dikjarazzjoni ta' solidarjetà li qatt ma kien hawn bħalha fl-istorja ta' l-umanità - l-hekk imsejħa Dikjarazzjoni tal-Millennju għall-Iżvilupp. Bl-adozzjoni ta' din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' tmien oġġettivi prijoritarji, il-mexxejja kollha tad-dinja ntrabtu li jagħmlu minn kollox biex inaqqsu bin-nofs il-faqar u l-faqar estrem minn issa sa l-2015, u partikolarment biex itejbu s-saħħa ta' biljuni ta' nies, biex itemmu l-propagazzjoni ta' mardiet kbar bħall-malarja jew l-HIV/Aids u biex inaqqsu d-degradazzjoni ta' l-ambjent. Dan kien pass kbira għall-UE, il-kontributor prinċipali ta' fondi fil-livell dinji. Kien ukoll pass kbir għall-Afrika li s-sitwazzjoni soċjali, ekonomika u dik sempliċement umana tagħha hija meqjusa unanimament bħala waħda katastrofika, speċjalment fl-Afrika 'l isfel mis-Sahara.

Fl-2005, fl-okkażjoni ta' l-ewwel evalwazzjoni ta' l-Objettivi tal-Millennju, u minħabba r-riżultati mhux sodisfaċenti miksuba f'ħames snin, flimkien ma' prospetti allarmanti għall-pajjiżi tan-Nofsinhar, l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-G8 u tas-Samit dinji għamlet impenji kbar, fosthom li jkollha rwol ta' mutur tal-promozzjoni ta' żvilupp uman u soċjali sostenibbli. Huwa f'dan il-kuntest li ddeċidiet li tagħmel ġest kbir u tadotta l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, u barra minn hekk, tiżviluppa strateġija ġdida għall-Afrika li tagħti tama ġdida lil miljuni ta' nies. Għalhekk, jekk l-2005 kienet is-sena ta' ġesti kbar, l-2006 għandha tkun is-sena li matulha dawn jiġu implimentati.

Fost l-objettivi ġodda li l-Unjoni adottat fil-qasam tal-koperazzjoni fl-iżvilupp, il-kwistjoni li tolqot dan ir-rapport hija t-titjib ta' l-għajnuna effettiva Ewropea li tingħata lill-pajjiżi tan-Nofsinhar. Dan huwa titjib indispensabbli u li minnu kull wieħed minna jistenna li jkun jista' jsir progress kbir biex jitwettqu l-Objettivi tal-Millennju. It-tliet komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li jikkostitwixxu l-pakkett dwar l-effikaċja ta' l-għajnuna, huma l-ewwel pass konkret tal-proċess adottat għal din il-ħidma ġdida. Barra minn hekk, din hija l-ewwel darba li l-Kummissjoni qed tippjana pjanifikazzjoni strateġika, mhux biss ta' l-għajnuna li tagħti u/jew timmaniġġja l-Kummissjoni, imma wkoll ta' l-għajnuna bilaterali mogħtija mill-Istati Membri li jkomplu jkollhom rwol essenzjali fil-qasam tal-koperazzjoni

Minkejja li dawn it-tliet komunikazzjonijiet għandhom infatti l-mertu li jagħtu prijorià lill-kwistjoni tat-titjib fl-effikaċità, wieħed irid jinnota xorta waħda li dawn ma jgħidu xejn dwar kif wieħed se jevalwa l-progress mistenni minnhom f'dik li hi effikaċità, u lanqas kif l-UE se tipprovi lilha nnifisha bir-riżorsi għal dawn l-ambizzjonijiet kbar tagħha, u għalhekk wieħed jinnota fl-istess waqt li minkejja l-impenji li ttieħdu f'din il-kwistjoni, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea taw rendikont ta' l-għajnuna għall-iżvilupp fl-2005 b'serje twila ta' inizzjattivi li dwarhom wieħed jista' jistaqsi leġittimità - lil hinn mill-prinċipji kbar li hemm fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp - jekk dawn jirriflettux tabilħaqq dak li aħna rridu raġonevolment nikkunsidraw bħala koperazzjoni għall-iżvilupp fis-sens li kull wieħed minna jifhimha normalment, jiġifieri bħala solidarjetà Prattika li tittraduċi ruħha fi progress konkret li minnu japproffittaw l-anqas popolazzjonijiet mogħnija fid-dinja. Lil hinn mill-fenomeni ta' nfiħ artifiċjali ta' l-ammonti tal-PDA li tabilħaqq huma dedikati għal politiki konkreti għall-iżvilupp, wieħed ikollu jinnota li parti kbira ta' l-għajnuna dedikata mill-Istati Membri ta' l-UE

ma tasalx direttament għand il-popolazzjonijiet tal-pajjiżi tan-Nofsinhar għal min hi indirizzata, kemm għaliex l-għajjnuna fil-fatt mogħtija tirriżulta anqas milli kienet imwiegħda, kemm minħabba l-inefficijenza tal-programazzjoni jew minħabba li l-mod kif tingħata ma jkunx adegwat, kif ukoll minħabba l-ispejjeż eċċessivi ta' l-immaniġġjar jew l-iżvilupp ta' l-għajjnuna minħabba korruzzjoni. Dan ukoll iqajjem il-kwistjoni konkreta dwar il-mod kif aħna nikkoperaw u niffaċċjaw bl-akbar serjetà mistoqsijiet oħra essenzjali bħalma huma l-ispejjeż tat-transazzjoni imposti fuq il-pajjiżi benefiċarji ta' l-għajjnuna ta' l-Unjoni, l-armonizzazzjoni tal-proċeduri u tas-sistemi ta' għajjnuna, kumplimentarjetà ta' l-attivitajiet differenti li jsiru, il-koerenza bejn il-politiki differenti ta' l-Unjoni Ewropea, it-tneħħija ta' obbligi marbuta ma' l-għajjnuna għall-iżvilupp, biex hekk jibbenefikaw il-produtturi lokali u l-popolazzjoni tan-Nofsinhar, kif ukoll il-programazzjoni komuni u ta' l-iskadenzi b'mod partikulari. Fuq dan l-aħħar punt wieħed jinnota li n-negozjati APE li ġejjin fi ħdan il-qafas ta' l-Għaxar FED ikun l-ewwel test biex wieħed jiġġudika l-implimentazzjoni ta' programazzjoni komuni. It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet tkun tweġiba wkoll għal jekk, fil-qasam ta' l-iżvilupp, l-UE għandhiex fil-futur titqies bħala s-26 Stat Membru jew inkella bħala organu ta' koordinazzjoni.

Kif kulħadd jaf, il-prospettiva finanzjarja adottata mill-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2005 ma tiggarrantix il-fondi xierqa biex jintlaħqu dak li hu mistenni mill-ftehimiet ġodda mal-pajjiżi msieħba u l-Kunsill mhux dispot li jantiċipa li jkun hemm riżorsi ġodda għall-għajjnuna għall-iżvilupp fil-pakkett finanzjarju għall-2007-2013. Issa huma meħtieġa riżorsi kbar u l-finanzjament ta' miżuri ġodda li ttieħdu għall-koperazzjoni fl-iżvilupp m'għandhomx isiru b'detriment għal attivitajiet oħra neċessarji biex jintlaħqu l-Objettivi tal-Millennju. Rigward l-effikaċità, hawn ta' min wieħed jistaqsi wkoll dwar id-differenza kbira li hemm bejn l-impjenji ta' l-Unjoni Ewropea u r-riżorsi li hi tipprovdi biex dawn jitwettqu.

F'dan ir-rigward wieħed qatt ma jista' jinsisti biżżejjed fuq il-ħtieġa li jiġi rrispettat l-impenn li aħna ħadna li nilħqu l-objettiv minimu kollettiv ta' 0.7 % tal-GNP ta' l-Istati Membri flimkien ma' ta' l-Unjoni Ewropea, bl-iskop konkret li jinkisbu fondi supplimentari għal għajjnuna għall-iżvilupp effettiva u msaħħa. Barra minn hekk, meta wieħed jaf li 90% ta' l-isforz addizzjonali jrid jiġi mill-Istati Membri, jidher li minn issa 'l quddiem huwa urġenti li mhux biss jiġu żviluppanti strumenti ta' finanzjament innovattivi, imma wkoll li dawn jiġu implimentati b'mod konkret, kif ukoll li jiġu rrispettati l-impjenji li ttieħdu f'Mejju 2005. F'sitwazzjoni bħal din, l-effikaċità u l-koordinazzjoni ta' l-għajjnuna tidher li hija aktar importanti minn qatt qabel jekk wieħed jixtieq li l-UE tapprofitta mill-qagħda tagħha bħala l-kontributor prinċipali ta' fondi sabiex tkun tista' tagħmel kontribut sinifikanti li jittrasforma d-dinja f'dak li huwa r-rispett tal-valuri li hija tiddefendi u ta' l-objettivi li hija ssegwi fl-iżvilupp sostenibbli u progress globali li minnu jgawdi kulħadd.

It-titjib fl-effikaċità ta' l-għajjnuna tagħna jrid inevitabbilmint jiddependi minn metodi li jwiegħbu aħjar għall-ħtiġijiet li għandhom il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw permezz ta' allinjament ta' l-għajjnuna tagħna ma' l-istrateġiji nazzjonali, l-istituzzjonijiet u l-proċeduri tal-pajjiżi li jibbenefikaw, kif ukoll permezz ta' l-applikazzjoni ta' forum ġodda ta' għajjnuna, bħal pereżempju, b'mod partikulari, l-għajjnuna teknika u appoġġ fiskali ġenerali u settorjali. Naturalment, biex tiġi żgurata l-aqwa allokkazzjoni ta' għajjnuna mogħtija, il-pajjiżi benefiċarji jeħtieġ juru li għandhom mekkaniżmi ta' min jorbot fuqhom u strutturi demokratiċi, f'kelma waħda, li kapaċi jagħtu xhieda ta' tmexxija tajba li kapaċi tamministra dawn l-għajjnuniet finanzjarji. Imma din l-eżiġenza fiha nfisha teħtieġ li jkollha appoġġ (fil-kwistjoni tal-għlieda

kontra l-korruzzjoni pereżempju) u dan jgħodd għal kull min hu involut (responsabilità reċiproka), jiġifieri għall-pajjiżi kontributuri nfushom ukoll. Fejn l-Unjoni Ewropea tqis li s-sistemi u l-proċeduri huma dgħajfa wisq, hi bla dubju tista' tiegħu l-miżuri neċessarji biex tikkonsolidahom, minflok tfixkilhom billi toħloq strutturi paralleli. U ġeneralment il-pajjiżi msieħba jaċċettaw faċilment il-fatt li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom bl-għajjnuna tal-kontributuri huwa element essenzjali ta' l-iżvilupp tagħhom. Madankollu, daww involuti fil-prattika diretta, jinnutaw ċerta retiċenza għall-involviment ta' xi pajjiżi benefiċarji li jistgħu jsibuha aktar u aktar diffiċli biex jassorbu l-istrateġiji u l-programmi li jkunu destinati għalihom. Din is-sitwazzjoni hija wkoll fiha nfisha xhieda tal-ħafna sforzi li għad iridu jsiru biex titjeb l-effikaċità ta' l-għajjnuna tagħna.

Dan ir-rapport ma jkunx sħiħ jekk ma nikkunsidrawx ukoll il-kwistjoni tat-titjib ta' l-effikaċità ta' l-għajjnuna tagħna u l-irwol essenzjali li għandhom f'dan l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-organizzazzjonijiet internazzjonali (il-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-banek reġjonali...). L-Unjoni Ewropea hija mitluba tiegħu pożizzjoni ċara dwar il-kwistjoni biex ikun magħruf jekk fil-qasam ta' l-iżvilupp il-Kummissjoni għandhiex titqies bħala s-26 Stat Membru jew inkella bħala organu ta' koordinazzjoni.

Is-sena 2005 kellha tkun is-sena tal-wegħdiet kbar għat-titjib sinifikattiv għall-ġejjieni ta' biljuni ta' nies li jgħixu fl-aktar pajjiżi fqar tad-dinja. Jekk irridu nkunu kburin li aħna Ewropej, għad irridu nagħmlu mod sabiex l-2006 ssir is-sena meta dawn il-wegħdiet li għamilna jitwettqu.

13.7.2006

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar "Kooperazzjoni aktar u aħjar: il-pakkett għall-2006 dwar l-effikaċja ta' l-għajnuna ta' l-UE"
(2006/0000(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Margrietus van den Berg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li kemm l-azzjonijiet ta' għajnuna u l-azzjonijiet kummerċjali jistgħu u għandhom jilagħbu rwol notevoli fit-twettiq ta' l-MDGs;
2. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ in-naħa tal-provvista tal-kummerċ; għalhekk jistqarr li l-bini tal-kapaċità kummerċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jrid jipprovdi għal żieda fl-effetti ta' l-għajnuna fir-rigward tat-tnaqqis tal-faqar bl-intenzjoni li jintlaħqu l-MDGs;
3. Jiddispjaċih li l-Kunsill mhux dispost li jipprovdi riżorsi ġodda għall-azzjonijiet ta' għajnuna u l-azzjonijiet kummerċjali fil-pakkett finanzjarju għall-2007-2013; iqis li l-finanzjament tal-miżuri m'għandux isir b'detriment ta' attivitajiet oħra intenzjonati biex jintlaħqu l-MDGs; iqis li dan ikun inkoeerenti u inaċċettabbli ladarba strumenti finanzjarji ġodda u riżorsi supplimentari huma indispensabbli;
4. Jenfasizza l-importanza ta' l-inizjattiva "Għajnuna għall-Kummerċ" li tippermetti li pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu mgħejjuna biex isaħħu l-kapaċitajiet kummerċjali tagħhom u biex jimplimentaw il-ftehimiet tad-WTO sabiex jiġbru qliegħ minnhom u jagħtu spinta lill-kummerċ tagħhom billi jiġi ffaċilitat id-dħul tagħhom fil-kummerċ internazzjonali; f'dak ir-rigward, itenni l-appoġġ tiegħu għal linja baġitarja ġdida "Aid for Trade", li ttejjeb kemm it-trasparenza u kemm il-kontroll demokratiku;
5. Jilqa' bi pjaċir ir-rieda soda ta' l-Unjoni Ewropea biex iddaħħal fis-seħħ mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament għall-iżvilupp intenzjonati li jiggarantixxu għajnuna stabbli,

effikaċi u prevedibbli;

6. Jirrikonoxxi l-importanza ta' l-istabilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-materja prima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jistieden lill-Kummissjoni biex tissuġġerixxi miżuri f'dan ir-rigward;
7. Jenfasizza l-importanza tal-koerenza bejn is-setturi ta' azzjoni differenti ta' l-UE kif ukoll il-koordinazzjoni meħtieġa u l-kumplimentarjetà ta' azzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha min-naħa ta' l-effikaċità ta' l-għajjnuna b'mod partikulari fil-livell lokali; hu ta' l-opinjoni li n-nuqqas ta' koerenza jmur kontra l-Artikolu 178 tat-Trattat KE;
8. Jenfasizza b'mod partikulari li l-ftuħ fil-kummerċ għandu jiġi kkumplimentat b'miżuri ta' appoġġ f'dan li għandu x'jaqsam mal-leġiżlazzjoni ambjentali sabiex jiġi evitat tniġġis fuq skala kbira u kif ukoll id-degradazzjoni ta' ekosistemi vitali li minnhom jiddependi l-għajxien tal-foqra;
9. B'ferħ jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tissaħħa il-koordinazzjoni fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp dwar il-kummerċ; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa għal miżuri ta' koordinazzjoni mtejba min-naħa tad-donaturi u fuq kolloxx fuq il-post innifsu; jensizza l-bżonn għall-Unjoni Ewropea li tgħaqqad l-isforzi tagħha fil-qasam ta' l-għajjnuna għall-iżvilupp ma' dawk ta' donaturi internazzjonali oħra;
10. Iqis li hemm bżonn li l-UE tappoġġa l-pajjiżi ACP fil-kuntest tar-reġim ta' għajjnuna għaz-zokkor sabiex dawn ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għal-limitazzjonijiet ġodda tar-riforma tar-reġim taz-zokkor Ewropew; min-naħa l-oħra, iqis li l-baġit allokat fil-kuntest ta' l-għajjnuna għar-ristrutturazzjoni m'għandux ikun ta' detriment għall-azzjonijiet oħra mwettqa bħala parti mill-politika ta' żvilupp ta' l-Unjoni u b'mod partikulari għall-ispejjeż relatati ma' l-MDGs;
11. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni mill-perspettiva ta' l-effikaċità ta' l-għajjnuna; fil-fatt, il-korruzzjoni tirrapreżenta ostaklu importanti għall-mobilizzazzjoni u l-allokazzjoni effikaċi tar-riżorsi destinati biex jippermettu żvilupp ekonomiku sostenibbli; f'dan ir-rigward, ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet stipulati fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2006 dwar l-effikaċità ta' l-għajjnuna u l-korruzzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw¹
12. Bl-istess mod, ifakkar l-importanza ta' gvernar tajjeb u ta' l-eżistenza ta' stat ta' dritt stabbli u kif ukoll ta' strutturi regolamentari, ġuridiċi u istituzzjonali trasparenti u prevedibbli peress li huma kundizzjonijiet meħtieġa biex tinħoloq klima favorevoli għall-iżvilupp ekonomiku;
13. Ifakkar lill-Kummissjoni bl-impenn li ħadet rigward "Round for Free" għal pajjiżi li qed jiżviluppaw fi ħdan id-WTO; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu l-almu tagħhom biex jiġi evitat li l-pajjiżi l-inqas żviluppatti jiġu saġrifikati fl-interess tal-gruppi kummerċjali l-iktar b'saħħithom;
14. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni u l-pajjiżi ACP jixtiequ jtejbu l-effikaċità billi jsaħħu l-

¹ Testi adottati, P6_TA(2006)0141.

koperazzjoni reġjonali permezz ta' ftehimiet ta' sħubija ekonomika; f'dan il-kuntest, jitlob il-garanziji meħtieġa u kalendarju realistiku għal ftuħ progressiv u asimmetriku tal-kummerċ, sabiex ikun żgurat li l-ftehimiet ta' sħubija ekonomika jistimulaw b'mod effikaċi t-tkabbir ekonomiku fil-pajjiżi ACP;

15. Jenfasizza li fil-qafas tan-negozjati kummerċjali internazzjonali, id-WTO, permezz ta' l-objettivi ambizzjużi li stabbiliet għaliha nnifisha - bħat-tneħħija gradwali tas-sussidji agrikoli sa l-2013 - qed tagħmilha possibbli li jkun hemm żvilupp u globalizzazzjoni kontrollati skond ir-Round ta' Doha;
16. Jitlob lill-pajjiżi żviluppati kollha u lill-pajjiżi kolha li qiegħdin f'fażi avvanzata ta' żvilupp biex isegwu l-mudell ta' l-inizjattiva "Kollox appart li l-Armi" ta' l-Unjoni Ewropea billi jggarantixxu aċċess għas-suq kompletament bla taxxi u bla kwoti għall-pajjiżi l-inqas avvanzati;
17. Ifakkar fir-rapport tal-Kummissjoni li minnu joħroġ li l-pajjiżi l-inqas żviluppati huma dawk li l-inqas igawdu mir-reġim preferenzjali ta' l-Unjoni Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni biex tiegħu miżuri ġodda biex l-iktar pajjiżi foqra jitħallew igawdu mill-ikbar benefiċċji possibbli mill-preferenzi ta' l-Unjoni;

PROĊEDURA

Titolu	Kooperazzjoni aktar u aħjar: il-pakkett għall-2006 dwar l-effikaċja ta' l-għajjnuna ta' l-UE	
Numru tal-proċedura	2006/2208(INI)	
Kumitat responsabbli	DEVE	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 7.9.2006	
Koperazzjoni aktar mill-qrib – data tat-tħabbir fis-seduta plenarja		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Margrietus van den Berg 14.6.2005	
Rapporteur għal opinjoni preċedenti		
Eżami fil-kumitat	29.5.2006	19.6.2006
Data ta' l-adozzjoni	12.7.2006	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 1 0: 1	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Francisco Assis, Jean-Pierre Audy, Enrique Barón Crespo, Daniel Caspary, Giulietto Chiesa, Christofer Fjellner, Béla Glattfelder, Jacky Henin, Syed Kamall, Sajjad Karim, Alain Lipietz, Helmuth Markov, Javier Moreno Sánchez, Georgios Papastamkos, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Bogusław Rogalski, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Johan Van Hecke, Zbigniew Zaleski	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Margrietus van den Berg, Elisa Ferreira, Eugenijus Maldeikis, Antolín Sánchez Presedo, Mauro Zani	
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali		
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...	

PROĊEDURA

Titolu	Kooperazzjoni aktar u aħjar: il-pakkett għall-2006 dwar l-effikaċja ta' l-għajjnuna ta' l-UE		
Numru tal-proċedura	2006/2208(INI)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 7.9.2006		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 7.9.2006	INTA 7.9.2006	BUDG 7.9.2006
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	AFET 29.8.2006	BUDG 6.9.2006	
Koperazzjoni iktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja			
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Alain Hutchinson 14.6.2005		
Rapporteur(s) preċedenti			
Eżami fil-kumitat	11.7.2006	28.8.2006	
Data ta' l-adozzjoni	28.8.2006		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	27 0 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Alessandro Battilocchio, Thierry Cornillet, Nirj Deva, Alexandra Dobolyi, Fernando Fernández Martín, Michael Gahler, Filip Andrzej Kaczmarek, Ġirts Valdis Kristovskis, Miguel Angel Martínez Martínez, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, Pierre Schapira, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Felekna Uca		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	John Bowis, Milan Gaľa, Ana Maria Gomes, Alain Hutchinson, Jan Jerzy Kułakowski, Bernard Lehideux, Manolis Mavrommatis, Miloslav Ransdorf, Karin Scheele, Anders Wijkman, Zbigniew Zaleski		
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali			
Data tat-tressiq	12.9.2006		
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)			